MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 898/2009

**Frank Borda Limited**
**(C – 446)**

**vs**

**Joseph Sammut (I.D. 444072M0 u**
**Ritienne Sammut (I.D. 444379M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti l-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€552.75), rapprezentanti *import* ta' hdax-il (11) kambjala skaduti u mhux imhallsa (Dok A).

Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti ihallsu is-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€552.75), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------